DEĊIŻJONI TAL-KUMMISSJONI

tas-7 ta' Ottubru 2008

temenda d-Deċizjoni 2006/133/KE li titlob lill-Istati Membri sabiex temporanjament jieħdu miżuri addizzjonali kontra t-tixrid tal-*Bursaphelenchus xylophilus* (Steiner et Buhrer) Nickle *et al.* (nematodu tal-injam tal-arżnu) fir-rigward ta' żoni fil-Portugall, għajr dawk li fihom huwa magħruf li ma tinsabx

(notifikata taħt id-dokument numru C(2008) 5555)

(2008/790/KE)

IL-KUMMISSJONI TAL-KOMUNITAJIET EWROPEJ,

Wara li kkunsidrat it-Trattat li jistabbilixxi l-Komunità Ewropea,

Wara li kkunsidrat id-Direttiva tal-Kunsill 2000/29/KE tat-8 ta' Mejju 2000 dwar miżuri protettivi kontra d-dħul u t-tixrid fil-Komunità ta' organiżmi li huma ta' ħsara għall-pjanti jew għall-prodotti tal-pjanti [1], u b'mod partikolari l-Artikolu 16(3) tagħha,

Billi:

(1) Skond id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2006/133/KE tat-13 ta' Frar 2006 li teħtieġ li l-Istati Membri temporanjament jieħdu miżuri addizzjonali kontra t-tixrid tal-*Bursaphelenchus xylophilus* (Steiner et Buhrer) Nickle *et al.* (innematodu tal-injam tal-arżnu - PWN) f'dak li jikkonċerna żoni fil-Portugall, għajr dawk li fihom huwa magħruf li ma jeżistix [2], il-Portugall qed jimplimenta pjan ta' qerda kontra t-tixrid tan-nematodu tal-injam tal-arżnu.

(2) Id-Deċiżjoni 2006/133/KE kienet emendata l-aħħar mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/684/KE [3], sabiex tikkonferma l-miżuri temporanji stabbiliti mid-Deċiżjoni tal-Kummissjoni 2008/489/KE [4]. Dawn il-miżuri jassiguraw il-ġarr ta' materjal suxxettibbli barra miż-żona demarkata.

(3) Waqt il-laqgħa tal-Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa tal-Pjanti nhar it-3 ta' Lulju 2008, il-Portugall informa lill-Kummissjoni li kien eżamina 2 145 sit fil-Portugall, li ttieħdu kampjuni kif xieraq u li totalment kien hemm 50 sejba ta' PWN, mifruxa f'diversi siti madwar it-territorju tiegħu, bħala riżultat tal-kampanja straordinarja ta' monitoraġġ li kienet organizzata fl-ewwel semestru tal-2008.

(4) Fid-dawl ta' dawn is-sejbiet ġodda, huwa neċessarju li tiġi rinfurzata il-protezzjoni taż-żona buffer madwar iż-żona infestata taż-żona demarkata bl-applikazzjoni tal-istess rekwiżiti għall-ġarr ta' materjal suxxettibbli miż-żona infestata għaż-żona buffer kif diġà applikabbli għall-ġarr miż-żona demarkata għal żoni oħra.

(5) Sabiex jitkabbar l-effett tar-riżorsi disponibbli għall-ittestjar, il-bżonnijiet għall-ittestjar ta' pjanti suxxettibbli li huma identifikati bħala infestati mill-PWN, jew li qed juru xi sintomi ta' nuqqas ta' saħħa jew li jinsabu f'żoni ta' salvataġġ għandhom ikunu limitati għaż-żona buffer biss.

(6) F'kaz illi il-PWN jinsab ripettitivamant fl-istess parti tal-Portugall qrib il-fruntiera Spanjola, iż-żona demarkata għandha tiġi estiża fi Spanja u Spanja għandha timplimenta l-istess rekwiżiti għall-ġarr t'injam suxxettibbli, qxur tas-siġar u pjanti minn u lejn iż-żona demarkata fit-territorju tagħha u twettaq stħarriġ addizzjonali f'dik iż-żona.

(7) F'dak li jirrigwardja materjal għall-ippakkjar tal-injam li huwa suxxettibbli u oġġetti simili, ir-rekwiżiti ta' ġarr għandhom ikunu limitati għal materjal ġdid ta' oriġini Portugiża għaliex ir-risku fitosanitarju ta' materjal tal-ippakkjar antik huwa żgħir.

(8) Id-Deċiżjoni 2006/133/KE għandha għalhekk tiġi emendata skond dan.

(9) Il-miżuri previsti f'din id-Deċiżjoni huma konformi mal-opinjoni tal-Kumitat Permanenti dwar is-Saħħa tal-Pjanti,

ADOTTAT DIN ID-DEĊIŻJONI:

Artikolu 1

Id-Deċiżjoni 2006/133/KE hija emendata kif ġej:

(1) Fl-Artikolu 2, l-ewwel subparagrafu għandu jiġi mibdul bit-test li ġej:

"Sal-31 ta' Marzu 2012, il-Portugall, u jekk ikun hemm bżonn, Spanja, għandhom jassiguraw li jintlaħqu l-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Anness fir-rigward t'injam, qxur tas-siġar u pjanti suxxettibbli li jinġarru fi ħdan jew minn żoni demarkati definiti skont l-Artikolu 5, lejn żoni oħra, minbarra żoni demarkati oħra fl-Istati Membri jew pajjiżi terzi."

[1] ĠU L 169, 10.7.2000, p. 1.
[2] ĠU L 52, 23.2.2006, p. 34.
[3] ĠU L 224, 22.8.2008, p. 8.
[4] ĠU L 168, 28.6.2008, p. 38.

(2) Fl-Artikolu 4, l-ewwel subparagrafu tal-paragrafu 2 għandu jiġi mibdul bit-test li ġej:

"Flimkien mal-istħarriġ imsemmi fil-paragrafu 1, il-Portugall, u jekk ikun hemm bżonn, Spanja, għandhom annwalment iħejju pjan ta' stħarriġ għaż-żoni demarkati u jressquh lill-Kummissjoni għall-approvazzjoni. Il-pjan għandu jkun imsejjes fuq valutazzjoni tar-riskji u jqis it-tqassim ta' pjanti suxxettibbli fi ħdan it-territorju tagħhom."

(3) Fl-Artikolu 5, għandu jiddaħħal il-paragrafu li ġej wara l-ewwel paragrafu:

"F'każ illi r-riżultati tal-istħarriġ msemmi fl-Artikolu 4 (2) jindikaw il-preżenza ta' PWN f'inqas minn 20 km mill-fruntiera Spanjola, il-Portugall għandu immedjatament jinforma lil Spanja bil-każ. Jekk il-preżenza tkun ikkonfermata f'inqas minn 3 km mill-fruntiera Spanjola jew jekk preżenza oħra tkun osservata fil-viċinanzi tal-ewwel preżenza f'inqas minn sena, Spanja għandha twaqqaf żona demarkata fit-territorju tagħha bħala estenzjoni taż-żona demarkata Portugiża sabiex tinkludi żona buffer ta' wisa' ta' 20 km madwar is-sit fejn il-preżenza kienet osservata."

(4) L-Anness tad-Deċiżjoni 2006/133/KE għandu jkun emendat skond l-Anness ta' din id-Deċiżjoni.

Artikolu 2

Din id-Deċiżjoni hija indirizzata lill-Istati Membri.

Magħmula fi Brussell, 7 ta' Ottubru 2008.

Għall-Kummissjoni
Androulla VASSILIOU
Membru tal-Kummissjoni

ANNESS

L-Anness tad-Deċiżjoni 2006/133/KE huwa emendat kif ġej:

(1) Fil-punt 1 il-frażi ta' introduzzjoni tinbidel b'dan li ġej:

"Bla ħsara għad-dispożizzjonijiet msemmija fil-punt 2, fil-każ ta' ġarr minn żoni demarkati għal żoni, li mhumiex żoni demarkati fi Stati Membri jew pajjiżi terzi, kif ukoll ġarr mill-parti taż-żoni demarkati fejn il-PWN ġiet osservata għall-parti taż-żona demarkata indikata bħala żona buffer, ta':"

(2) Fil-punt 2 il-frażi ta' introduzzjoni tinbidel b'dan li ġej:

"F'każ ta' ġarr fi ħdan iż-żoni demarkati:"

(3) Fil-punt 2 (a) (iii), it-tieni paragrafu tat-tielet inċiż jitħassar.

(4) Il-Punt 2 (g) jinbidel b'dan li ġej:

"(g) injam suxxettibbli, li joriġina minn żoni demarkati fil-forma ta' materjal tal-ippakkjar ġdid, kaxxi, kannestri, tankijiet u ppakkjar simili, pjattaformi għall-ħżin, pjattaformi għall-ħżin f'forma ta' kaxex u twavel tat-tagħbija oħra, kullari tal-pjattaformi għall-ħżin, planki, spacers u bearers, inkluż dak l-injam li ma jkunx żamm il-wiċċ tond naturali tiegħu għandu jkun suġġett għall-waħda mill-miżuri approvati kif speċifikat fl-Anness I ta' l-Istandard Internazzjonali tal-FAO għall-Miżuri Fitosanitarji Nru 15 dwar il-*Linji Gwida għar-regolamentazzjoni ta' materjal għall-ippakkjar magħmul mill-injam fil-kummerċ internazzjonali* u mmarkat skond l-Anness II tal-istess Standard."